MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Diċembru, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 505/2023 LM

**Artan Coku (K.I. numru 0055278A)**

***vs.***

**Ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali (Malta)**
**u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali mressaq fis-6 ta' Ottubru, 2023, mir-rikorrent **Artan Coku (K.I. numru 0055278A)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Fatti*

*Smigħ Xieraq,* Equality of Arms *u Dritt għall-proċedura avversarjali*

1. *Illi permezz ta' sentenza datata l-erbgħtax (14) ta' Frar tas-sena 2023, l-esponenti kien instab ħati ta' kompliċità f'reat kriminali u ingħata sentenza (hawn annessa u mmarkata bħala Dok A). F'din is-sentenza huwa ġie kkundanat għal piena karċerarja effettiva ta' erba' (4) snin u l-ħlas ta'*

*erbgħtax-il elf, erba' mija sebgħa u tmenin Ewro punt ħamsa u disgħin ċentežmu (€14,487.95), rappreżentanti spejjeż tal-esperti nominati. Mill-piena karċerarja, kellu jitnaqqas iż-żmien illi huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dik il-kawża u għaldqstant, peress li r-rikorrenti kien għamel ħames snin u erbgħa xhur taħt arrest preventiv, dakinhar tas-sentenza huwa kien skonta is-sentenza karċerarja imponuta u kien liberu li joħroġ mill-ħabs;*

2. *Illi ai fini ta' kompletezza, jiġi spjegat illi minkejja li l-esponenti kien skonta is-sentenza karċerarja, dakinhar tas-sentenza l-esponenti kien ġie ri-arrestat abbażi ta' Deċiżjoni ta' Ritorn u Ordni ta' Tneħħija maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex l-esponenti jitneħħa mill-Pajjiż. L-esponenti intavola appell mill-imsemmija deċiżjoni u ordni u huwa nżamm f'detenzjoni pendenti l-appell;*
3. *Illi jirriżulta illi ir-Reġistratur konvenut kien intavola rikors datat l-erbgħa (4) ta' April tas-sena 2023 fejn huwa talab sabiex l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tikkonverti l-ispejjeż peritali fi pruġenrija, liema rikors jidher li ġie akkordat mill-Onorabbli Qorti nhar l-għaxra (10) ta' April tas-sena 2023;*
4. *Illi sussegwentement, fis-sbatax (17) ta' April tas-sena 2023, l-esponenti ittieħed ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn huwa ġie infurmat illi peress li huwa ma kienx ħallas is-somma ta' €14,487.95 indikati aktar il-fuq, dan l-ammont ġie konvertit f'piena karċerarja, preċiżament f'elf mitejn erbgħa u erbgħin (1,244) ġurnata karċerarja;*
5. *Illi jiġi enfasizzat illi l-esponenti fl-ebda punt qabel ma ittieħed ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ma ġie infurmat jew formalment notifikat illi ir-Reġistrar konvenut kien beda xi proċedura fil-konfront tal-esponenti sabiex issir l-imsemmija konverżjoni, u lanqas ma ġie imressaq formalment quddiem il-Qorti in kwistjoni sabiex jirrispondi għar-rikors tar-Reġistratur konvenut;*
6. *Ir-rikorrenti jesponi bir-rispett illi il-proċedura hekk addottata vjolatlu id-dritt fundamentali għall-Smigħ Xieraq previst fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*
7. *Illi l-artikolu 533(2) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:*

   "Fin-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż, bħal ma jkun ġie stabbilit mill-qorti, il-qorti għandha, fuq rikors tar-reġistratur, toħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna ikkundannata, b'ordni li din il-persuna tinġieb quddiemha, u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' dik il-persuna, tibdel l-ammont hekk

maqtugħ fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu."

8. *Illi fil-kawża Gordon Micallef vs L-Avukat tal-Istat (70/2020, deċiża 15 ta' Novembru 2021, Prima Awla Sede Kostituzzjonali), il-Qorti Kostituzzjonali spjegat ben tajjeb illi fir-rigward ta' konverżjonijiet ta' multi fi żmien ta' inkarċerazzjoni, il-kalkolu preċiż u formalistiku (f'dik il-kawża l-artikolu 586) jissodisfa l-prinċipju taċ-ċertezza legali. Madankollu, il-prinċipju taċ-ċertezza legali ma jxejjen xejn mill-garanziji proċedurali li tant aħna, u l-bqija tal-firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem huma imdorijja bihom fil-jedd penali.*

9. *Illi r-rikorrent qiegħed jesponi bir-rispett, illi minkejja li l-artikolu 533(2) inissel il-proċedura ta' kif għandu jmexxi r-Reġistratur, ma jfissirx illi r-rikorrent m'għandux ikun notifikat fi żmien raġonevoli sabiex ikollu ċans jikseb assistenza legali u jirrispondi quddiem il-Qorti li quddiema għandu jinġieb. Illi dan l-artikolu għandu jiġi mħaddem bil-vista tas-sub-inċiż (6) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u tal-artikolu 6 § 3 tal-Konvenzjoni li huwa ekwivalenti għall-artikolu ċitat tal-Kostituzzjoni. L-artikolu 39(6) jaqra:*

"kull min ikun akkużat b'reat kriminali:

(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;

(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(c) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;

(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u

(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża"

10. *Illi apparti li l-esponenti ma tressaqx quddiem il-Qorti li quddiema sar ir-rikors tar-Reġistratur konvenut skont kif trid il-Liġi, ma jirriżultax illi r-rikorrent kien spejgat id-dettalji u n-natura tal-akkuża, u bid-dritt tal-avukat.*

*Kompla jiġi leż id-dritt imsemmi meta dik l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati proċediet biex takkorda r-rikors tar-Reġistratur mingħajr il-preżenza tal-esponenti u l-avukat difensur, u* multo magis *meta ma semgħatx id-difiża tal-akkużat. Illi r-rikorrent ma kienx adekwatement infurmat minn qabel bl-akkuża, tant illi ma kellu l-ebda opportunità jikkuntatja avukat u lanqas ma kellu ċans jipproċessa l-akkuża b'tali mod illi jkun kapaċi jiddefendi ruħu.*

11. *Illi minkejja illi l-artikolu tal-liġi li fuq ġie imressaq ir-rikorrent huwa wieħed ċar u li ma jħalli l-ebda dubju fir-rigward ta' kif il-Qorti għandha tmexxi fl-ipproċessar tal-akkużat, u li l-formola tal-konverżjoni hija ċara u inekwivoka, dana xorta waħda ma jxejjen xejn min-natura kriminali o meno tal-akkuża, u tant, illi l-protezzjonijiet proċedurali ma jiddiskriminawx bejn reat u ieħor u għaldaqstant, ir-rikorrent kellu jiġi mħares fid-drittijiet proċedurali tiegħu bħal li kieku ġie akkużat b'kwalsiasi reat kriminali ieħor u li l-effiċjenza tal-ġudizzju ma tidderogax il-prinċipji bażiċi tar-rekwiżiti proċedurali.*

12. *Illi fil-kawża ta'* ***Rowe and Davis v. United Kingdom****, deċiża fis-16 ta' Frar 2000, il-Qorti Ewropea qalet hekk:*

    "It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations and the evidence adduced by the other party"

13. *Illi l-prinċipji tal-*equality of arms *u d-dritt għall-proċedura averżiva huma inerenti għad-dritt tas-smigħ xieraq u jitolbu illi kull persuna titpoġġa f'pożizzjoni ugwali fil-procedimenti u li l-ebda parti m'għandha titqiegħed f'pożizzjoni żvantaġġjata vis-à-vis l-avversajru tagħha. (fn. 1: Kress v France App Nru 39594/9 (QEDB, 7 ta' Ġunju 2001). Illi sabiex jiġu mħarsa dawn il-jeddijiet fuq imsemmijja, kien mistenni illi r-rikorrent, l-ewwelnett jitressaq quddiem il-Qorti kif titlob il-Liġi, u fuq kollox jingħata l-opportunità kif inhu id-dritt tiegħu u kif titlob il-proċedura, illi jirrispondi għas-sottomissjonijiet tar-Reġistratur, kif ukoll li jressaq id-difiża tiegħu fil-mori tal-proċess. Dan kien espress b'mod mill-aktar ċar mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża* ***Standford v. The United Kingdom (Application no. 16757/90)*** *23 ta' Frar 1994. Dik il-Qorti marret biex qieset illi l-akustika ħażina f'awla tista' twassal għall-ksur tal-artikolu 6, u għal dan intqal illi:*

    Nor is it in dispute that Article 6 (art. 6), read as a whole, guarantees the right of an accused to participate effectively in a criminal trial. In general this includes, inter alia, not only his right to be present, but also to hear

and follow the proceedings. Such rights are implicit in the very notion of an adversarial procedure and can also be derived from the guarantees contained in sub-paragraphs (c), (d) and (e) of paragraph 3 of Article 6 (art. 6-3-c, art. 6-3-d, art. 6-3-3), - "to defend himself in person", "to examine or have examined witnesses", and "to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court".

14. *U b'hekk, anke l-akustika hija essenzjali fl-awla, għaliex f'Qorti irregolata bid-dritt tas-smigħ xieraq, aħseb u ara kemm għandu jkun aktar kruċjali illi iż-żewġ partijiet jingħataw il-jedd li jisimgħu il-kontro-parti tagħhom u l-obbligu imponut fuq l-iStat biex jassigura il-kawża tinstema' b'mod ugwali;*

15. *Għaldaqstant jirrendi illi r-rikorrent huwa miżmum arrestat b'mod illegali stante li l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet leżiva tad-drittijiet proċedurali fundamentali tar-rikorrent;*

16. *Illi minħabba il-punti legali fuq imsemmijja, dik il-Qorti ma qiesitx il-fatt illi r-rikorrent kien għamel sena ta' priġunerija żejda. Dan kien punt illi żgur kellu lok jinstema' minn dik il-Qorti tal-Maġistrati anki fl-issentenzjar tar-rikorrent.*

17. *Illi tali kunsiderazzjoni ma saritx u qatt ma setgħet tiġi imressqa il-quddiem u tiġi ttrattata u b'hekk tirrendi illi mhux talli is-sentenza in kwistjoni, u ċioe tal-konverżjoni tal-ispejjeż tal-esperti nominati, sentenza proċeduralment monka, iżda hija waħda sproporzjonata li ma tirrispettax id-dritt tal-libertà personali kif suċċint fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem saħqu illi l-artikolu 5, proteġġenti d-dritt tal-libertà personali, irid jinqara fid-dawl tal-prinċipji tas-Saltna tad-Dritt, taċ-ċertezza legali u tal-proporzjonalità. (fn. 2: Ara fost oħrajn (71407/10) Simons v. Belgium* – "The Court further points out that the general principles implied by the Convention to which the Article 5 § 1 case-law refers are the <u>principle of the rule of law</u> (see Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia [GC], no. 48787/99, § 461, ECHR 2004-VII) and, connected to the latter, <u>that of legal certainty</u> (see, among other authorities, Baranowski v. Poland, no. 28358/95, § 52, ECHR 2000 III), <u>the principle of proportionality</u> (see, for example, Enhorn v. Sweden, no. 56529/00, § 36, ECHR 2005-I) and <u>the principle of protection against arbitrariness</u> (which is, moreover, the very aim of Article 5 - see, inter alia, Erkalo, cited above, § 52)." *(sottolinear miżjud)*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett il-din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tħassar u tirrevoka id-deċiżjoni datata l-għaxra (10) ta' April 2023 tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn*

*permezz tagħha akkordat ir-rikors tar-Reġistratur konvenut sabiex l-ispejjeż marbuta mal-esperti nominati b'rabta mas-sentenza tal-istess Qorti presjeduta mill-Onorabbli Maġistrat Dr Yana Micallef Stafrace ta' nhar l-erbgħtax (14) ta' Frar 2023 fl-ismijiet Pulizija vs Artan Coku (Multa numru 392/2023) jiġu kkonvertiti f'ħabs;*

2. *Tiddikjara l-intimati jew min minnhom illedew diversi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bi ksur tal-Artikoli 39 u 34 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*
3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens b'konsegwenza tal-ksur tad-Drittijiet hawn imsemmija tar-rikorrenti;*
4. *Tillikwida l-istess kumpens sofferti mir-rikorrent;*
5. *Tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet oħra, billi tordna r-rilaxx immedjat tar-rikorrenti;*
6. *Tillikwida favur ir-rikorrenti kemm danni pekunjarju kif ukoll danni morali sofruti mill-vjolazzjoni tad-drittijiet fuq imsemmija;*
7. *Tornda lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens likwidat;*
8. *Tieħu dawk il-provvedimenti li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

*Salv sottomissjonijiet ulterjuri."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'], li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Novembru, 2023, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

*Illi ir-rikorrenti qed jallega vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tiegħu senjatament dawk kontemplati fl-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan minħabba il-konverżjoni f'ħabs tal-ispejjeż li ma tħallsux mir-rikorrenti skont is-sentenza fl-ismijiet* **Il-Pulizija (Superintendent James Grech) vs. Coku Artan** *mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Frar 2023.*

*Illi fil-5 t'Ottubru 2017 seħħ* hold-up *ġewwa d-Diamonds International, f'Tigné Point, Sliema fejn insterqu oġġetti b'valur komplessiv ta' madwar 333,000 euro u*

*dan apparti ħsarat kbar fl-istess ħanut u persuni li ġew midruba. Wara investigazzjoni intensiva kondotta mill-pulizija tressqu il-Qorti akkużati b'dan ir-reat Daniel Muka, Bergtash Muka u ir-rikorrenti Artan Coku. Illi fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2022 ir-rikorrenti irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u b'sentenza datata 14 ta' Frar 2023 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrenti ħati u ikkundannatu erba' snin priġunerija u ħlas ta' 14,487.95 euro spejjeż peritali. Jirriżulta li minn din id-deċiżjoni ma ġiex intavolat appell u b'hekk is-sentenza kontra ir-rikorrenti hija* res judicata. *Jirrizulta li ir-Reġistratur intimat b'rikors datat 4 t'April 2023 talab lil-Qorti tal-Maġistrati tikkonverti l-ispejjeż peritali f'perijodu ta' priġunerija skont il-liġi peress li dawn baqgħu ma tħallsux mir-rikorrenti u b'digriet datat 10 ta' April 2023 il-Qorti akkordatu.*

*Illi din il-kawża kostituzzjonali tirrigwarda in-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż peritali mir-rikorrenti bil-konsegwenza li dawn ġew konvertiti f'ħabs skont il-liġi.*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet li ser jiġu elenkati iktar 'l quddiem f'din ir-risposta.*

1. *Illi preliminarjament jigi eċċepit in-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedju ordinarju u dan peress li ġaladarba ir-rikorrenti qed jallega li l-proċedura imsemmija fl-artikolu 533 tal-Kap 9 ma ġietx osservata, hu jista' dejjem jagħmel rikors sabiex jiġbed dan kollu għall-attenzjoni ta' dik il-Qorti u jitlob li id-digriet mogħti fl-10 t'April 2023 jiġi revokat* contrario imperio. *Dan s'issa m'għamlux u għaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan* ai termini *tal-*proviso *għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso *għall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, stante l-eżistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;*

2. *Illi r-rikorrenti ġie ordnat mill-Qorti iħallas l-ispejjeż peritali fl-ammont ta' 14,487.95 euro u dan apparti il-perijodu ta' erba' snin priġunerija li ġie ikkundannat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Sal-lum il-ġurnata l-ammont ta' 14,487.95 euro għadu ma tħallas, mela allura kien ġustifikat ir-Reġistratur meta talab li dan l-ammont jiġi konvertit f'perijodu ta' priġunerija skont il-liġi kif jipprovdi l-artikolu 533 tal-Kap. 9. Jidher li dan l-ammont ġie konvertit f'elf mitejn u erbgħa u erbgħin jum priġunerija. Jekk dawn il-flejjes jitħallsu mir-rikorrenti huwa ikun effettivament skonta il-piena kollha li ġiet imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati bis-sentenza tal-10 t'April 2023 però dan jiddependi minnu u minnu biss.*

3. *Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq imsemmi, l-esponent jinsab xi ftit perpless kif ir-rikorrent qiegħed jargumenta ksur tal-**artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni***

***Ewropea u tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Dan għaliex dawn il-provvedimenti propriju awtorizzaw il-privazzjoni tal-libertà jekk xi ħadd jonqos milli jħares l-ordni ta' qorti. F'dan ir-rigward il-ħlas tal-ispejjeż peritali ġie propriju ordnat minn qorti u ċioè mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Jiġifieri il-Qorti imxiet* in linea *mal-**artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea** u tal-**artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, meqjus li d-deprivazzjoni tal-libertà tiegħu tkun marbuta ma' nuqqas ta' ħarsien ta' ordni tal-Qorti*

4. *Illi fi kwalsiasi każ irrispettivament mill-**artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, jekk ikun hemm sentenza ta' detenzjoni/priġunerija ġejja mill-Qorti, allura dik il-privazzjoni tal-libertà, ladarba tkun ġejja minn qorti wara proċess li wassal għal sejbien ta' ħtija, allura tali detenzjoni/priġunerija tkun leġittimata skont l-**artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 34 (1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** rispettivament.*

5. *Ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu ġustifikat li jilmenta minn restrizzjoni tal-libertà ġaladarba din ir-restrizzjoni hija il-konsegwenza tal-fatt li hu instab ħati li ikkommetta reat kriminali u l-konverżjoni fi priġunerija minħabba in-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjez peritali.*

   *Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

6. *Illi r-rikorrent jorbot l-ilment tiegħu ma allegat vjolazzjoni tal-jedd tiegħu għall-smigħ xieraq peress li skont hu il-proċedura imsemmija fl-artikolu 533 ma ġietx segwita mill-Qorti tal-Maġistrati.*

7. *Illi bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk, fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara* **Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et** ) *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qagħda l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralità tal-każijiet, jidħol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx hemm* equality of arms *bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (*audi alteram partem) *u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni;*

8. *Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu ta bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-*

*proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u imħarsin mill-istess qorti (ara **Fenech vs Avukat Ġenerali** deċiża fl-4 ta' Awwissu 1999 – Vol. LXXXIII.i.213). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara **Pullicino vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158);*

9. *Dan attiż, għandu jirriżulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrenti f'din il-kawża ma jaqa' taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma ġew trattati b'mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġew imċaħħda minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalità tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm smigħ xieraq.*

10. *Illi* dato ma non concesso *li l-procedura imsemmija fl-artikolu 533 tal-Kap 9 ma ġietx osservata mill-Qorti tal-Maġistrati, l-esponent huwa tal-fehma li xorta l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex ġustifikat u ma jaqax taħt leżjoni tal-jedd għal smigħ xieraq għaliex dan in-nuqqas proċedurali żgur li ma kienx wieħed gravi li b'xi mod iwassal għal sitwazzjoni ta' xi inġustizzja kbira fil-konfront tar-rikorrent. Kif jgħid l-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti li tkun ordnat il-ħlas tal-ispejjeż u dawn ma jitħallsux* toħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna ikkundannata, b'ordni li din il-persuna tinġieb quddiemha, u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' dik il-persuna, tibdel l-ammont hekk maqtugħ fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu. *Mela il-Qorti wara li tiżgura dwar l-identità tal-persuna li tkun quddiemha hi għandha tgħaddi sabiex tibdel l-ammont mhux imħallas fi priġunerija kif deskritt. Fil-każ odjern il-kwistjoni tal-identità tar-rikorrenti kienet sekondarja stante li fir-rikors li għamel ir-Registratur hemm imnizzel b'mod ċar x'inhu in-numru tal-karta tal-identità tar-rikorrenti cioè 00552478A li huwa l-istess identiku għal dak li jidher imniżżel fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-istess Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace. L-ammont li ġie ordnat iħallas għadu ma tħallas mela allura ir-rikorrenti ma jistax juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali straordinarji biex jipprova jaħrab minn ordni tal-Qorti li hija bla dubju ta' xejn leġittima.*

11. *Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

3. Rat ir-Risposta tal-intimat **Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Reġistratur'], li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Novembru, 2023, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi* in linea *preliminari jiġi eċċepit li l-eċċipjenti Reġistraturi Qrati u Tribunali Kriminali assolutament m'huwiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanzi attriċi u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-lanjanzi attriċi fejn qed jiġi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu m'humiex diretti għal xi nuqqas jew aġir minn naħa tal-esponenti li hu responsabbli biss mill-amministrazzjoni tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*
3. *Illi l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:*

   > 'Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skont il-ligi – u hu ma hux f'pożizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.

4. *Illi in oltre ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-pożizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi huwa l-obbligu tal-esponenti li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jiġu kwalsiasi spejjeż peritali inflitti tramite sentenzi tal-Qorti jiġu mħallsa;*
6. *Illi għaldaqstant għal dan il-għan l-esponenti intavola rikors sabiex l-ispejjeż peritali li ġie ikkundannat iħallas ir-rikorrenti jiġu konvertiti fi priġunerija stante li dawn baqgħu ma tħallsux (Dok A);*
7. *Illi stante li l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati akkordat ir-rikors surreferit, l-esponenti fuq ordni tal-istess Qorti kien obbligat li joħroġ dokument sabiex ir-rikorrenti jinżamm il-ħabs (Dok B);*
8. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad* in toto *t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2024 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrent, u dik ippreżentata mill-intimat Avukat tal-Istat.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

4. Jirriżulta li r-rikorrent b'sentenza tal-14 ta' Frar, 2023, tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali [minn issa 'l quddiem 'il-Qorti tal-Maġistrati'], instab ħati ta' kompliċità f'reat kriminali, u ngħata sentenza fejn ġie kkundannat għall-piena karċerarja ta' erba' (4) snin, u għall-ħlas ta' erbatax-il elf erba' mija sebgħa u tmenin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€14,487.95), rappreżentanti spejjeż tal-esperti li kienu ġew innominati. Peress li huwa kien diġà għamel ħames snin u erbgħa xhur taħt arrest preventiv, huwa ma

kellu l-ebda piena karċerarja x'jiskonta, u b'hekk seta' joħroġ mill-ħabs. Iżda minħabba li kienet inħarġet fil-konfront tiegħu Deċiżjoni ta' Ritorn u anki Ordni ta' Tneħħija tal-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, huwa ġie arrestat, u sakemm appella mill-imsemmija deċiżjoni, huwa nżamm f'detenzjoni pendenti s-smigħ tal-appell tiegħu. Sadanittant fl-4 ta' April, 2023, l-intimat Reġistratur intavola rikors fejn talab sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tikkonverti l-ispejjeż peritali fi priġunerija, u t-talba tiegħu ġiet milqugħa fl-10 ta' April, 2023. B'hekk ir-rikorrent kien ittieħed fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fejn ġie nfurmat li ġaladarba huwa kien naqas milli jħallas is-somma ta' erbatax-il elf erba' mija sebgħa u tmenin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€14,487.95), din kienet ġiet ikkonvertita f'piena karċerarja, ossija elf mitejn erbgħa u erbgħin (1,244) ġurnata karċerarja. Ir-rikorrent jinsisti li huwa fl-ebda ħin ma kien ġie mgħarraf jew notifikat li l-intimat Reġistratur kien intavola xi proċedura fil-konfront tiegħu sabiex isseħħ il-konverżjoni tas-somma dovuta f'piena karċerarja, u huwa lanqas ma kien tressaq quddiem Qorti sabiex iwieġeb għall-imsemmija talba. Għalhekk ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protett permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni Ewropea']. Filwaqt li jiċċita d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 533(2) tal-Kap. 9, u jagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, tal-15 ta' Novembru, 2021, fl-ismijiet **Gordon Micallef *vs.* L-Avukat tal-Istat**, Rikors nru. 70/2020, jikkontendi li l-prinċipju taċ-ċertezza legali ma jnaqqas xejn mill-garanziji proċedurali li bħala firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea flimkien ma' oħrajn, aħna mdorrijin bihom fil-jedd penali. Ir-rikorrent jgħid li minkejja s-subartikolu 533(2) tal-Kap. 9 jipprovdi għall-proċedura ta' kif għandu jimxi l-intimat Reġistratur, dan ma kienx ifisser li huwa ma kellux jiġi notifikat fi żmien raġonevoli sabiex b'hekk ikollu l-opportunità li jikseb l-assistenza legali u

jwieġeb quddiem il-Qorti. Ir-rikorrent jinsisti li minbarra li huwa ma kienx tressaq quddiem il-Qorti li quddiemha sar ir-rikors tal-intimat Reġistratur, ma kienux ġew spjegati lilu d-dettalji u n-natura tal-akkuża, u barra minn hekk ma ġiex avżat bid-dritt tiegħu għal avukat. Imbagħad dik il-Qorti kienet għaddiet sabiex iddeċidiet l-imsemmi rikors fl-assenza tiegħu u tal-avukat difensur tiegħu. Ir-rikorrent jikkontendi li l-akkuża kontrih kienet waħda ta' natura kriminali, u għalhekk kellhom jitħarsu d-drittijiet proċedurali tiegħu. Hawnhekk ir-rikorrent jagħmel riferiment għal dak li ngħad mill-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Rowe and Davis *v.* United Kingdom** tas-16 ta' Frar, 2000, u jissottometti li l-prinċipji tal-*equality of arms* u d-dritt għall-proċedura avversarjali, huma marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent jgħid li għalhekk huwa kellu jitressaq quddiem il-Qorti, u jingħata l-opportunità li jwieġeb għas-sottomissjonijiet tal-intimat Reġistratur, iżda wkoll li jressaq id-difiża tiegħu. In sostenn tal-argument tiegħu, ir-rikorrent hawnhekk jagħmel riferiment għal dak li ngħad mill-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Stanford *v.* The United Kingdom (Application no. 16757/90)** tat-23 ta' Frar, 1994. Jgħid li għal dawn ir-raġunijiet, l-arrest tiegħu huwa wieħed illegali, u dan safejn il-Qorti ma kkunsidratx li huwa kien għamel sena ta' priġunerija żejda. Huwa jikkontendi li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-10 ta' April, 2023, mhux biss hija proċeduralment monka, iżda anki sproporzjonata bi ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk huwa qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma ħatja ta' ksur tad-diversi drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti taħt l-artikoli 39 u 34 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jitlob ukoll sabiex din il-Qorti tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għall-ħlas ta' kumpens, u dan filwaqt li tillikwida l-kumpens u danni pekunjarji u dawk morali li huwa sofra riżultat tal-ksur allegat u

tordna sabiex dawn jitħallsu mill-intimati jew min minnhom, filwaqt li tagħti dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti li tikkunsidra xierqa sabiex twettaq jew tiżgura li jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, fosthom billi tordna r-rilaxx tiegħu.

5. L-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi s-segwenti: (a) ir-rikorrent m'eżawriex ir-rimedju ordinarju tiegħu, billi huwa kellu l-fakoltà li jippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn iġib dak kollu li qiegħed jallega a konjizzjoni tagħha, u jitlob li d-digriet in kwistjoni jiġi revokat *contrario imperio;* (b) sallum is-somma ta' €14,487.95 għadha ma tħallsitx, u għalhekk l-intimat Reġistratur kien ġustifikat li jitlob li din tiġi kkonvertita f'piena karċerarja skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9; (ċ) mingħajr preġudizzju, mhuwiex ċar għaliex ir-rikorrent qiegħed jinsisti li ġew miksura s-subartikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u s-subartikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni, għaliex dawn proprju jawtorizzaw il-privazzjoni tal-libertà jekk xi ħadd jonqos li jħares ordni tal-Qorti; (d) jekk is-sentenza ta' detenzjoni/priġunerija tkun riżultat ta' proċess li wassal għal sejbien ta' ħtija, dik id-detenzjoni/priġunerija tkun waħda leġittima *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-para. (b) tas-subartikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni; (e) ir-rikorrent ma jistax jilmenta minn restrizzjoni tal-libertà jekk din hija riżultat tal-fatt li nstab ħati ta' reat kriminali, u l-konverżjoni fi priġunerija tirriżulta min-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż peritali; (f) sabiex jiġi stabbilit jekk il-proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed għandu jikkunsidra jekk fl-assjem tagħhom dawn ġew kondotti b'ġustizzja fis-sustanza, u fl-apparenza, u l-jedd għal smigħ xieraq kif invokat, jidħol biss (i) fin-nuqqas ta' tribunal indipendenti u imparzjali; (ii) fejn ikun hemm dewmien mhux ġustifikat; (iii) fin-nuqqas ta' aċċess għall-qrati; (iv) fl-assenza tal-parti waqt is-smigħ; (v) fin-nuqqas ta' *equality of arms* bejn il-partijiet kontendenti; (vi) fejn

ikun hemm ksur tal-prinċipju ta’ *audi alteram partem;* (vii) meta s-sentenza ma tkunx motivata; (ġ) għandu jiġi kkunsidrat il-proċess sħiħ, anki l-imġiba tal-Qorti; (g) l-ilment tar-rikorrent ma jolqot l-ebda ċirkostanza mfissra hawnhekk; (għ) l-ilment mhux ġustifikat għaliex in-nuqqas proċedurali ma kienx wieħed gravi tant li wassal għal x’inġustizzja kbira fil-konfront tiegħu, u r-rikorrent ma jistax jagħmel użu mill-preżenti proċeduri sabiex jaħrab l-ordni leġittima tal-Qorti; (ħ) għalhekk ma jirriżulta l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

6. L-intimat Reġistratur qiegħed jeċċepixxi s-segwenti: (a) preliminarjament huwa mhuwiex leġittimu kontradittur, u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; (b) mingħajr preġudizzju, l-ilmenti tar-rikorrent mhuwiex dirett fil-konfront tiegħu, u min-naħa tiegħu huwa responsabbli biss mill-amministrazzjoni tal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati, u għalhekk it-talbiet tal-imsemmi rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ċ) isir riferiment għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta’ Ottubru, 2005, fl-ismijiet **Mark Lombardo et *vs.* Kunsill Lokali Fgura**, fejn ingħad li r-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju, anzi bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skont il-ligi, u huwa mhuwiex f’pożizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x’tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta’ dawk il-qrati; (d) isir riferiment għas-sentenza tal-istess Qorti tal-25 ta’ April, 1990, fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Delia et *vs.* Reġistratur tal-Qrati et**, fejn ingħad li huwa m’għandux ir-rappreżentanza tal-qrati u mhux persuna leġittima sabiex joqgħod f’proċeduri fejn qiegħed jiġi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent; (e) mingħajr preġudizzju, huwa l-obbligu tiegħu li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jassigura l-ħlas tal-ispejjeż peritali inflitti permezz ta’ sentenzi tal-Qorti; (f) għalhekk huwa kien ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati

sabiex l-ispejjeż peritali li r-rikorrent ġie kkundannat iħallas, jiġu kkonvertiti f'priġunerija meta dawn ma tħallsux; (ġ) ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati akkordat l-imsemmi rikors, huwa kien marbut li joħroġ dokument sabiex ir-rikorrenti jinżamm il-ħabs; (g) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Provi u riżultanzi**

7. Flimkien mat-tweġiba tiegħu, l-intimat Reġistratur esebixxa (a) kopja tar-rikors tiegħu tal-4 ta' April, 2023[1], fejn talab sabiex il-Qorti tal-Maġistrati jogħġobha tikkonverti l-ispejjeż peritali li ma tħallsux mir-rikorrent fi priġunerija, u minn fejn jirriżulta li dik il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu; u (b) kopja ta' dokument intestat 'DOKUMENT BIEX PERSUNA TINŻAMM IL-ĦABS[2]', iffirmat mill-intimat Reġistratur u ndirizzat lid-Direttur tal-Ħabs.

8. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2024, xehdet **Marica Mifsud**, Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, prodotta mir-rikorrent. Hija esebiet kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-14 ta' Frar, 2023.[3] Hija ppreżentat ukoll kopja tal-multa[4], u tar-rikors li kien ġie ntavolat mill-intimat Reġistratur.[5] Qalet li r-rikors kien sar quddiem il-Maġistrat Yana Micallef Stafrace sabiex l-ispejjeż peritali jkunu jistgħu jiġu kkonvertiti fi priġunerija, u t-talba kienet ġiet milqugħa.

9. Waqt l-istess udjenza xehdet **Doris Serpina Sciberras**, Deputat Reġistratur, prodotta mir-rikorrent. Ix-xhud spjegat li kif ġie r-rikors għandha, hija kienet għaddietu lill-Maġistrat, li min-naħa tagħha akkordatu mingħajr ma saru ebda seduti.

---

[1] 'DOK A' *a fol.* 18.
[2] 'DOK B' *a fol.* 19.
[3] 'DOK MM 1' *a fol.* 28.
[4] 'DOK MM2' *a fol.* 52.
[5] 'DOK MM3' *a fol.* 53.

10. Waqt l-istess udjenza, xehed **l-Ispettur Helenio Galea**, rappreżentant tad-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, prodott mir-rikorrent. Spjega li x-xogħol tiegħu huwa ta' *Senior Inspector* fir-*Records Office.* Qal li meta jirċievu il-biljett tal-konverżjoni tal-ispejjeż, huma jinfurmaw lill-persuna konċernata u jispjegawlu li għalkemm huwa qiegħed ġewwa l-ħabs, xorta waħda jista' jħallas l-ispejjeż stabbiliti mill-Qorti. Iddikjara li fil-każ partikolari ma kienx jaf x'ġara.

11. Waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar, 2024, xehed **Kyle Mifsud** in rappreżentanza ta' Safi Detention Services Agency, prodott mir-rikorrent. Spjega li meta jasal rikors mill-Qorti, kienet issir kopja li titqiegħed fid-*diary,* u l-oriġinal jgħaddi għand il-persuna konċernata, li jekk ma jkollux *credit* tat-telefon sabiex iċempel lill-avukat tiegħu, huwa jingħata linja għal barra għal dan il-għan. Ikkonferma li r-rikorrent kien għamel żmien jirrisjedi fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi. Mill-okkorrenza tagħhom, sab li fid-9 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrent kellu seduta quddiem il-Qorti filgħodu, u wasal lura qabel nofsinhar. Huwa kien dam detenut min-nofs Frar sas-17 ta' April, 2023, meta ġie ttrasferit għall-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

12. Waqt l-istess udjenza, xehed ir-rikorrent **Artan Coku** minn jeddu. Spjega li huwa kien involut bħala kompliċi f'reat, ġie mressaq il-qorti, u s-sentenza nqatgħet fl-14 ta' Frar, 2023, meta huwa kien diġà qiegħed miżmum l-ħabs, għaliex qatt ma ngħata *bail* matul il-ħames snin u erba' xhur li kien qiegħed hemmhekk. Wara li nqrat is-sentenza mill-Maġistrat, huwa kien mar lura l-ħabs u tela' r-*Records Office,* fejn qalulu li seta' jmur jippakkja għaliex kien diġà skonta s-sentenza tiegħu, iżda fakkruh li huwa kien obbligat iħallas l-ispejjeż tal-qorti fis-somma ta' €14,000. Ir-rikorrent kien ċempel lill-Ispettur James Grech li kien l-Ispettur tiegħu, u dan assigurah li dawn kienu koperti biż-żmien li huwa kien għamel il-ħabs, anki meqjusa il-kondotta tajba tiegħu waqt li kien qiegħed

hemmhekk. Ir-rikorrent qal li sadanittant kienu ġew tal-*Immigration,* ċerta Spettur Lara Butters, u minn hemm ittieħed fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi għaliex ma kellux id-dokumentazzjoni meħtieġa. Spjega kif minn hemm huwa beda l-proċedura sabiex jibqa' hawn Malta, iżda fis-17 ta' April, 2023, kienu marru żewġ suldati fuqu, u qalulu sabiex jippakkja u jmur magħhom mingħajr ma qalulu fejn. Hekk kif waslu fil-pjazza ta' Raħal il-Ġdid, infurmawh li huwa kien sejjer il-ħabs għaliex huwa kellu xi multa xi jħallas. Daħlu ġewwa u wara li s-suldati kienu telgħu fuq, niżlu u qalulu li suppost mhux huma kellhom iġibuh il-ħabs. Qalulu wkoll li ma kinux jafu x'kien qed jiġri, u wieħed minhom kien qallu sabiex jistennih sakemm imur jitkixxef. Ir-rikorrent qal li wara xi siegħa, dan kien tfaċċa, u nfurmah li kien hemm xi spejjeż tal-qorti li huwa kien naqas li jħallas. Qallu li huwa kien diġà nfurmah bihom, iżda r-rikorrent ipprotesta li dan kollu kien sar bil-kliem mingħajr ma ngħata xi karta. Għalhekk huwa kien ċempel lill-avukat tiegħu sabiex jikkonsulta miegħu. Huwa rrileva li ma kienet saret l-ebda proċedura sabiex issir il-konverżjoni tal-ispejjeż għal ħabs. Ikkonferma in kontro-eżami li dawk l-ispejjeż ma kienx għadu ħallashom

13. Waqt l-udjenza tal-10 ta' April, 2024, xehed **is-Supretendent James Grech**, prodott mir-rikorrent. Huwa spjega li kien l-uffiċjal investigatur fl-investigazzjoni li saret dwar *hold-up* li seħħ fil-5 ta' Ottubru, 2017, ġewwa *Diamonds International,* u kien ukoll l-uffiċjal prosekutur fil-konfront tar-rikorrent. Ikkonferma li dan tal-aħħar kien tressaq fit-3 ta' Novembru, 2017, taħt arrest, u baqa' miżmum sad-data tas-sentenza fl-14 ta' Frar, 2023. Qal li r-rikorrent kien ingħata sentenza ta' priġunerija effettiva, u kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali, u dan wara li huwa kien ammetta l-akkużi. Spjega li dak iż-żmien ir-rikorrent kien qiegħed jippatroċinah l-Avukat George Anton Buttigieg, u huwa kien ikkomunika lilu l-ammont li kellu jitħallas fir-rigward tal-ispejjeż

peritali, hekk kif tressqet il-proposta li l-imsemmija spejjeż jew il-parti l-kbira tagħhom ikunu nklużi fil-piena fejn huwa kien diġà għamel żmien taħt arrest preventiv. Ix-xhud qal li dan ma kienx ifisser li l-ispejjeż peritali kellhom jiġu nkorporati fl-erba' snin ħabs. Spjega li din kellha tinżel għal sentejn u tmien xhur minħabba r-*remission,* imbagħad jittieħed iż-żmien li r-rikorrent kien għamel il-ħabs u b'hekk huwa kellu jiġi kkunsidrat li skonta kollox. Ix-xhud qal li huwa kien ċempel lill-ħabs sabiex jara għaliex il-konverżjoni tal-ispejjeż ma kinitx tnaqqset mil-piena, u kienu spjegawlu li din kienet kwistjoni separata ġaladarba ma tħallsux, u kien hemm id-digriet tal-qorti fejn ir-rikorrent kellu jiskonta ż-żmien tal-ħabs mill-ġurnata tal-konverżjoni, imma biż-żmien li għamel taħt arrest preventiv seta' jpaċi kemm l-ispejjeż peritali u anki l-piena. Ix-xhud ippreżenta l-*email* li huwa kien bagħat lill-Avukat George Anton Buttigieġ[6], fejn huwa spjega kif inħadmet il-konverżjoni tal-ispejjeż peritali għal ħabs. Spjega li l-Maġistrat ma kinitx konxja ta' dan, għaliex kien hemm biss qbil bejnu u l-imsemmi avukat, filwaqt li l-piena kienet ġiet proposta lill-Maġistrat bil-fomm.

14. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2024, xehed **is-Supretendent James Grech**, riprodott in kontro-eżami mill-intimat Avukat tal-Istat. Huwa kkonferma li mar-rikorrent huwa qatt ma tkellem, iżda huwa kien tkellem mal-avukat tiegħu, forsi wkoll fil-preżenza tar-rikorrent. Mal-Avukat Ġenerali wkoll ma kienx tkellem, għaliex dan kien ħareġ mix-xena hekk kif inqraw l-artikoli. Lanqas ma kien iddiskuta l-kwistjoni tal-piena mar-Reġistratur tal-Qorti jew mad-Direttur tal-Ħabs, iżda tkellem ma' uffiċjal tal-ħabs sabiex kiseb l-informazzjoni dwar kemm kien għamel ir-rikorrent żmien il-ħabs, u b'liema rata kellhom jiġu kkonvertiti l-ispejjeż peritali.

[6] 'Dok. JG1' a *fol.* 85.

**Konsiderazzjonijiet legali**

15. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tindirizza l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Reġistratur, fejn huwa qiegħed jikkontendi li mhuwiex il-leġittimu kuntradittur fil-proċeduri odjerni, u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata mill-istess intimat Reġistratur, il-Qorti tgħid li dan huwa tassew minnu, u ma jistax jiġi kkunsidrat bħala leġittimu kuntradittur tal-ilment li qiegħed iressaq ir-rikorrent quddiemha. Tagħraf li l-intimat Reġistratur jieħu l-ordnijiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji, kif jirriżulta li ġara anki f'dan il-każ, u għalhekk ma jistax jitressaq ilment ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali fil-konfront tiegħu għal dak li huwa seta' għamel fuq ordni ta' xi awtorità ġudizzjarja. Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu, u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

16. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari ssollevati mill-intimat Avukat tal-Istat. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, huwa jsostni li għal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tiegħu li l-proċedura stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 ma kinitx ġiet osservata, ir-rikorrent kien naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarju. L-intimat Avukat tal-Istat jikkontendi li r-rikorrent dejjem seta' ppreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex jiġbdilha l-attenzjoni għal dan l-allegat fatt, u jitlobha sabiex tirrevoka *contario imperio* d-digriet tagħha tal-10 ta' April, 2013. Jissottometti li ġaladarba dan ma sarx, il-Qorti għandha toqgħod lura milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni *ai termini* tal-*proviso* tas-subartikolu 46(2) tal-istess Kostituzzjoni, u tal-*proviso* tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319.

17. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jissottometti ulterjorment li minn dak li rriżulta mix-xhieda tar-rikorrent stess, huwa kien ġie mgħarraf bid-dettalji kollha tal-konverżjoni tal-ispejjeż peritali

dovuta mingħandu għal priġunerija, u għalhekk dejjem seta' irrikorra għall-avukat difensur tiegħu sabiex jippreżenta r-rikors opportun quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għar-revoka tad-digriet tagħha, u talba sabiex timxi skont dak li jitlob is-subartikolu 533(2) tal-Kap. 9. Ikompli jgħid fl-istess nota, li r-rikorrent seta' b'hekk għamel is-sottomissjonijiet tiegħu anki fir-rigward taż-żmien li huwa kien għamel taħt arrest preventiv, u kif dan seta' kellu konsegwenza fuq is-sentenza ta' priġunerija.

18. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-intimat Avukat tal-Istat, u dan filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 533(2) tal-Kap. 9, li jipprovdu kif ġej:

> "(2) Fin-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż, bħal ma jkun ġie stabbilit mill-qorti, il-qorti għandha, fuq rikors tar-Reġistratur, toħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna ikkundannata, b'ordni li din il-persuna tinġieb quddiemha, u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' dik il-persuna, tibdel l-ammont hekk maqtugħ fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu:
>
> Iżda, il-persuna mibgħuta l-ħabs minħabba li ma tkunx ħallset dawk l-ispejjeż tista' teħles mill-piena mibdula f'ħabs billi tħallas l-ispejjeż stabbiliti mill-qorti, bit-tnaqqis ta' dik il-biċċa minnhom daqs kemm hija tkun skuntat f'ħabs bil-kalkolu msemmi f'dan l-artikolu."

20. Jirriżulta mingħajr kontestazzjoni mill-partijiet l-oħra, li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tottempora ruħha mad-dispożizzjonijiet appena ċitati billi toħroġ mandat ta' arrest kontra r-rikorrent sabiex dan jinġieb quddiemha għall-fini tal-proċedura tal-konverżjoni tal-ispejjeż peritali għal priġunerija. B'hekk ir-rikorrent kien ikollu b'mod xieraq kull opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jiddefendi ruħu fil-konfront tal-imsemmija konverżjoni li ntalbet mill-intimat Reġistratur, u kif din ġiet ikkalkolata. Il-Qorti tagħraf li l-liġi tipprovdi għal proċedura li tassigura li jkunu protetti d-drittijiet

fundamentali tal-individwu kif sanċiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk ir-rikorrent seta' faċilment permezz ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kkontesta mingħajr l-ebda dewmien id-digriet tagħha, u talab li l-proċedura in kwistjoni tiġi segwita skont il-liġi. Mill-provi kollha li tressqu quddiemha, ma jirriżultax lil din il-Qorti, li r-rikorrent kellu x'impediment fil-liġi jew mod ieħor li ċaħdu minn dan id-dritt. Għalhekk huwa ma jistax jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, u jirrikorri quddiem din il-Qorti b'talba għal revoka tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-10 ta' April, 2013, liema talba kellha ssir qabel xejn lill-istess qorti li ħarġet l-imsemmi digriet.

__**Decide**__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Reġistratur u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontrih.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**